31988D0382

L 183/30 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 14.7.1988

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL ta' l-24 ta' Ġunju 1988 li tikkonċena suppliment, rigward il-merkurju li joriġina minn setturi differenti minn dawk il-chlor-alkali-li jiġu prodotti mill-industrija ta' l-elottrolisi, għall-Anness IV għall-Konvenzjoni għall-protettazzjoni tax-xmara Rhine mit-tinġis kimiku

(88/382/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunitaà Ekonomika Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 130 S tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Billi,bid- Deċiżjoni 77/586/KEE ([3]), il-Komunità kkonkludiet il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tar-Rhine minn tinġis kimiku, hawnhekk iżjed "il quddiem msejħa" il-Konvenzjoni Kimika', u l-Ftehim addizzjonali għall-Ftehim iffirmat f'Berna, fid-29 ta' April 1963 rigward il-Kummissjoni Internazzjonali għall-protezzjoni tar-Rhine hawnhekk iżjed "il quddiem imsejħa" Il-Kummissjoni Internazzjonali';

Billi, taħt l-Artikolu 5 Il-Kummissjoni Internazzjonali tipproponi limiti għall-iskarikar ta' ċerti sostanzi fl-ilmijiet tal-wiċċ tal-baċin tar- Rhine permezz ta' emendi għall-Anness IV għall-Konvenzjoni Kimika; billi, taħt l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Kimika, l-aċċettazzjoni unanima mill-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni hija meħtieġa biex dawk l-emendi jidħlu fis-seħħ;

Billi, fil-forma ta' proposta maħsuba biex tisupplimenta l-Anness IV għall-Konvenzjoni Kimika, il-Kummissjoni Internazzjonali stabbiliet limiti għall-iskarikar ta' merkurju mill-industriji l-oħra barra mill-industrija chlor-alkali elettrolisi;

Billi d-Direttiva 84/156/KEE ([4]) tistabbilixxi limiti għall-iskarikar ta' merkurj minn setturi oħra differenti mill-industrija chlor-alkali elettrolisi fl-ambjent akkwatiku tal- Komunità; billi dawn il-limiti huma identiċi għal dawkstabbiliti fil-proposta tal-Kummissjoni Internazzjonali:

Billi l-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva jobbliga l-Istati Membri biex jadattaw programmi speċifiċi għar-riduzzjoni ta' l-iskarikar tal-merkurju minn sorsi multipliċi li mhumiex impjanti industrijali; billi ma hemmx tali dispożizzjonijiet fil-proposta tal-Kummissjoni Internazzjonali:

billi hu desiderabbli illi l-Komunità, bħala Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni, tadotta l-proposta hawn fuq imsemmija,

IDDEĊIDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-proposta mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tar-Rhine mit-Tinġis, maħsuba biex tissupplimenta, rigward il-merkurju li joriġina minn setturi oħra għajr dawk li joriġinaw mill-industrija ta' l-elektrolisi chlor-alkali, l-Anness IV għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tar-Rhine mit-Tinġis Kimiku, hija hawnhekk adottata għan-nom tal-Komunità Ekonomika Ewropea.

It-test ta' din il-proposta hu anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' regolamenti oħra Komunitarji, b' mod partikolari l-Artikolu 4 tad-Direttiva 84/156/KEE.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill għandu jinnotifika lill-Gvern tal-Konfederazzjoni Svizzera, skond il-proċeduri stabbiliti mill-Konvenzjoni Kimika, dwar l-adozzjoni tal-proposta msemmija fl-Artikolu 1.

Magħmula fil-Lussemburgu, fl-24 ta' Ġunju 1988.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

M. BANGEMANN

---

([1]) Opinjoni mogħtija fil-15 ta' Ġunju 1988 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) ĠU C 105, tal-21.4.1987, p. 17.
([3]) ĠU L 240, tad-19.9.1977, p. 19.
([4]) ĠU L 74, tas-17.3.1984, p. 49.

**(Proposta mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tar-Rhine mit Tinġis maħsuba biex tissupplimenta l-Anness IV għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tar-Rhine minn Tinġis Kimiku, iffirmata f'Bonn fit-3 ta' Diċembru 1976**

IL-KUMMISSJONI INTERNAZZJONALI GĦALL-PROTEZZJONI TAR-RHINE MIT-TINĠIS,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tar-Rhine mit-Tinġis Kimiku, iffirmata f'Bonn fit-3 ta' Diċembru 1976,

Wara li kkunsidra b' mod partikolari l-Artikoli 3, 4, 5 u 14 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tat-28 ta' Ġunju 1979 mqiegħda fuq il-mejda f'Baden fl-Isvizzera u intiża biex iżżid ma' l-Anness IV tal-Konvenzjoni fuq imsemmija limiti għall-iskarikar ta' merkurju minn stabbilimenti ta' elettrolisi chlor-alkali,

PROPOSTI LILL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦALL-KONVENZJONI

illi l-Anness IV għall-Konvenzjoni tat-3 ta' Diċembru 1976 jiġi ssupplimentat kif ġej in rigward tal-merkurju:

| Sostanza jew grupp ta' Sustanzi | Origini | Limitu f'termini tal-konċentrzzjoni massima ta' sostanza | Limitu f'termini tal-kawntità massima ta' sostanza | Terminu għal skarikar li jkun ħiereġ | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
| merkurju | 1. Industriji kimiċi li jużaw katalisti ta' merkurju | | | | (1) (2) (3) (4) |
| | 1.1 għall-produzzjoni ta' *vinyl chloride* | 0,05 milligrammi ta' merkurju kull litru ta' skarikar | 0,1 grammi ta' merkurju kull tunnellata ta' kappaċità ta' produzzjoni ta' *vinyl chloride* | fl-1 ta' Lulju 1989. | |
| | | Għal skarikar li jkun ħiereġ għandu japplika l-limitu prov-viżjonali ta' 0,1 milligrammi ta' merkurju lull litru ta' skarikar | Għal skarikar ħiereġ għandu japplika l-limitu provviżjonali ta' 0,2 grammi ta' merkutju kull tunnellata ta' kappaċità ta' produzzjoni ta' *vinyl chloride* | L-1 ta' Lulju 1986 | |
| | 1.2 għall-manifattura ta' prodotti oħra | 0,05 milligrammita' merkurju kull litru ta' skarikar | 5 grammi ya' merkurju kull kilgramm ta' merkurju ttrattat | L-1 ta' Lulju 1989 | (1) (2) (3) (4) |
| | | Għal skarikar li jkun ħiereġ għandu japplika l-limitu prov-vizjonali ta' 0,1 milligrammi ta' merkurju kull litru ta' skarikar. | Għal skarikar ħiereġ għandu japplika l-limitu provvizjonali ta' 10 grammi ta' merkurju kull kilogramm ittrattat | L-1 ta' Lulju 1986 | |
| | 2. Il-manifattura ta' katalisti ta' mer-kurju użati fil-produzzjoni ta' *vinyl chloride* | 0,05 milligrammi ta' merkurju kull litru ta' skarikar | 0,7 grammi ta' merkurju kull kilogramm ittrattat | L-1 ta' Lulju 1989 | |
| | | Għal skarikar li jkun ħiereġ għandu japplika l-limitu prov-viżjonali ta' 0,1 milligrammi ta' merkurju lull litru ta' skarikar | Għal skarikar li jkun ħiereġ għandu japplika l-limitu prov-viżjonali ta' 1,4 milligrammi ta' merkurju kull kilgramm ta' merkurju ttrattat | L-1 ta' Lulju 1986 | |

(1) Il-limitu mogħti fit-tabella jirrappreżenta konċentrazzjoni medja ta' xahar jew tagħbija medja ta' xahar.

L-ammonti ta' merkurju skarikati huma espressi f'termini tal-merkurju ttrattat minn impjant industrijali matul l-istess perjodu jew fit-termini tal-kapaċità ta' l-mpjant biex jipproduċi l-*vinyl chloride*.

(2) Limiti, espressi f'termini ta' konċentrazzjoni, huma mogħtija fit-tabella ta' hawn fuq għal industriji 1 sa 4 u ma għandhomx, fil-prinċipju, jinqabżu. Fl-ebda każ il-limiti espressi f'termini ta' massima konċentrazzjoni ma jistgħu jeċċedu dawk espressi f'termini ta' konċentrazzjoni massima jaqbżu dawk espressi f'termini ta' massima kwantità diviża bil-ħtiġijiet ta' l-ilma kull kilogramma ta' merkurju ttrattat jew kull tunnellata ta' kappaċità ta' produzzjoni ta' *vinyl chloride*.

Madankollu, billi l-konċentrazzjoni ta' merkurju fl-iskarikar tiddependi mill-volum ta' l-ilma involut, u billi da ivarja minn proċess u minn impjant għal ieħor, limiti, espressi f'termini tal-kwantità ta' merkurju skarikat kif imqabbla mal-kwantità ta' merkurju ttrattat jew mal-kappaċità ta' produzzjoni ta' *vinyl chloride* mogħtija fit-tabella ta' hawn fuq, dan għandu jiġi osservat f'kull ħin.

(3) Il-limiti mogħtija fit-tabella ta' hawn fuq jirreferu għall-ammont ta' merkurju kkontenut f'kampjun mhux iffiltrat. Japplikaw għall-ammont totali ta' merkurju fl-ilma kollu mniġġes li jirriżulta mill-proċessi ta' produzzjoni u skarikati mis-sit ta' l-impjant tal-produzzjoni.

Skarikar li jkollu l-merkurju għandu jiġi ttrattat lil hinn mill-fond tal-produzzjoni f'impjant maħsub biex jiddisponi mill-merkurju. Il-gvernijiet jistgħu jippermettu illi l-limiti japplikaw fil-punt fejn l-iskarikar iħalli l-impjant.

(4) Limiti *average* ta' kuljum għandhom ikunu ekwivalenti għad-doppju tal-limiti *average* ta' kull xahar mogħtija fit-tabella.

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| merkurju *(ikompli)* | 3. Il-manfattura ta' kompsiti ta' merkurju organiċi u non organiċi (bl-eċċezzjoni tal-prodotti koperti minn punt 2) | 0,05 milligrammi ta' merkurju kull litru ta' skarikar | 0,05 milligrammi ta' merkurju kull kilgramm ta' merkurju ttrattat | L-1 ta' Lulju 1989 | |
| | | Għal skarikar li jkun ħiereġ għandu japplika l-limitu provviżjonali ta' 0,1 milligrammi ta' merkurju lull litru ta' skarikar | Għal skarikar li jkun ħiereġ għandu japplika l-limitu provviżjonali ta' 0,1 grammi ta' merkurju lull kilgramm ta' merkurju ttrattat | L-1 ta' Lulju 1986 | |
| | 4. Il-manifattura ta' batteriji primarji li jkollhom il-merkurju | 0,05 milligrammi ta' merkurju kull litru ta' skarikar | 0,03 grammi ta' merkurju kull kilgramm ta' merkurju ttrattat | L-1 ta' Lulju 1989 | (1) (2) (3) (4) |
| | | Għal skarikar li jkun ħiereġ għandu japplika l-limitu provviżjonali ta' 0,1 milligrammi ta' merkurju lull litru ta' skarikar | Għal skarikar li jkun ħiereġ għandu japplika l-limitu provviżjonali ta' 0,05 grammi ta' merkurju kull kilgramm ta' merkurju ttrattat | L-1 ta' Lulju 1986 | |
| | 5. Indusriji tal-metall mhux ħadid | | | | (1) (2) (3) (4) (5) |
| | 5.1 Stabbilimenti għall-irkuprar tal-merkurju | 0,05 milligrammi ta' merkurju kull litru ta' skarikar | | L-1 ta' Lulju 1989 | |
| | | Għal skarikar li jkun ħiereġ għandu japplika l-limitu provviżjonali ta' 0,1 milligrammi lull litru ta' skarikar | | L-1 ta' Lulju 1986 | |
| | 5.2 Estrattazzjoni u raffinar ta' metallic li mhumiex ħadid | 0,05 milligrammi ta' merkurju kull litru ta' skarikar | | L-1 ta' Lulju 1989 | |
| | | Għal skarikar li jkun ħiereġ għandu japplika l-limitu provviżjonali ta' 0,1 milligrammi ta' merkurju lull litru ta' skarikar | | L-1 ta' Lulju 1986 | |
| | 6. Stabbilimenti għat-trattament ta' skart tossiku li jkollu l-merkurju | 0,05 milligrammi ta' merkurju kull litru ta' skarikar | | L-1 ta' Lulju 1989 | (1) (2) (3) (4) |
| | | Għal skarikar li jkun ħiereġ għandu japplika l-limitu provviżjonali ta' 0,1 milligrammi ta' merkurju lull litru ta' skarikar | | L-1 ta' Lulju 1986 | |

(1) Il-limitu mogħti fit-tabella jirrappreżenta konċentrazzjoni medja ta' xahar jew tagħbija medja ta' xahar.

L-ammonti ta' merkurju skarikati huma espressi f'termini tal-merkurju ttrattat minn impjant industrijali matul l-istess perjodu jew fit-termini tal-kapaċità ta' l-mpjant biex jipproduċi l-*vinyl chloride*.

(2) Limiti, espressi f'termini ta' konċentrazzjoni, huma mogħtija fit-tabella ta' hawn fuq għal industriji 1 sa 4 u ma għandhomx, fil-prinċipju, jinqabżu. Fl-ebda każ il-limiti espressi f'termini ta' massima konċentrazzjoni ma jistgħu jeċċedu dawk espressi f'termini ta' konċentrazzjoni massima jaqbżu dawk espressi f'termini ta' massima kwantità diviża bil-ħtiġijiet ta' l-ilma kull kilogramma ta' merkurju ttratat jew kull tunnellata ta' kappaċità ta' produzzjoni ta' *vinyl chloride*.

Madankollu, billi l-konċentrazzjoni ta' merkurju fl-iskarikar tiddependi mill-volum ta' l-ilma involut, u billi da ivarja minn proċess u minn impjant għal iehor, limiti, espressi f'terminital-kwantità ta' merkurju skarikat kif imqabbla mal-kwantità ta' merkurju ttrattat jew mal-kappaċità ta' produzzjoni ta' *vinyl chloride* mogħtija fit-tabella ta' hawn fuq, dan għandu jiġi osservat f'kull ħin.

(3) Il-limiti mogħtija fit-tabella ta' hawn fuq jirreferu għall-ammont ta' merkurju kkontenut f'kampjun mhux iffiltrat. Japplikaw għall-ammont totali ta' merkurju fl-ilma kollu mniġġes li jirriżulta mill-proċessi ta' produzzjoni u skarikati mis-sit ta' l-impjant tal-produzzjoni.

Skarikar li jkollu l-merkurju għandu jiġi ttrattat lil hinn mill-fond tal-produzzjoni f'impjant maħsub biex jiddisponi mill-merkurju. Il-gvernijiet jistgħu jippermettu illi l-limiti japplikaw fil-punt fejn l-iskarikar iħalli l-impjant.

(4) Limiti *average* ta' kuljum għandhom ikunu ekwivalenti għad-doppju tal-limiti *average* ta' kull xahar mogħtija fit-tabella.

(5) A bażi ta' l-esperjenza li nkisbet fl-applikar ta' dawn id-disposizzjonijiet il-Kummissjoni Internazzjonali għandha tissottometti lill-Partijiet Kontraenti proposti relatati ma' l-industrija tal-metalli li mhumiex il-ħadid u maħsuba li tistipola limiti aktar stretti għad-dħul fis-seħħ 10 snin wara l-adozzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Jekk meħtieġ, limiti għal industriji oħra, bħalma huma tal-karta, ta' l-azzar u ċentrali ta' enerġija li jaħdmu bil-faħam, jiġu pproposti mill-Kummissjoni Internazzjonali fi stadju aktar tard. Fil-frattemp, il-gvernijiet għandhom jiffissaw standards ta' emissjonigħall-merkurju b' mod awtonomu skond l-Artikoli 3 u 4 tal-Konvenzjoni. Dawn l-istandards għandhom jieħdu in konsiderazzjoni l-aħjar mezzi tekniċi disponibbli u m' għandhomx ikunu anqas stretti mill-eqreb limitu komparabbli fl-Anness IV.

Skond l-Artikoli 14 u 19 tal- Konvenzjoni, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jidħlu fis-seħħ wara l-aċċettazzjoni unamima mill-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni.

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw l-adozzjoni tagħhom lill-Gvern tal-Konfederazzjoni Svizzera li għandu jirrikonoxxi l-irċevuta tan-notifika.